

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabbiltà Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > [Greece](#)

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

 Greċja

1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri hija dritt u obbligu tal-ġenituri. Hija tkopri t-trobbija ta' tfal minuri, il-ġestjoni tal-proprjetà tat-tfal u r-rappreżentanza tat-tfal fi kwalunkwe kwistjoni, tranżazzjoni jew litiġju li jikkonċernaw lit-tfal jew lill-proprjetà tat-tfal. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri għalhekk tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet personali u tal-proprjetà tal-minuri.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi eżerċitata miż-żewġ ġenituri flimkien. Kull deċiżjoni tal-ġenituri rigward l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri trid issir fl-aħjar interessi tat-tfal.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Jekk ebda wieħed mill-ġenituri ma jkun jista' jeżerċita r-responsabbiltà tal-ġenituri, għal raġunijiet prattiċi (eż. ospitalizzazzjoni jew priġunerija) jew għal raġunijiet ġuridiċi (inkapaċità ġuridika), dak il-ġenitur jibqa' detentur sempliċi tad-dritt filwaqt li r-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi eżerċitata unikament mill-ġenitur l-ieħor.

Jekk l-ebda ġenitur ma jkun kapaċi jeżerċita r-responsabbiltà tal-ġenituri, it-tfal minuri jitqiegħdu taħt tutela; il-ġenituri jżommu r-responsabbiltà tal-ġenituri, bħala detenturi sempliċi tad-dritt, filwaqt li ma jkunux jistgħu jeżerċitawh.

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

F'każ ta' divorzju jew separazzjoni, u sakemm iż-żewġ ġenituri jkunu ħajjin, il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi solvuta mill-qorti. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tingħata lil wieħed mill-ġenituri jew, jekk ikunu jaqblu t-tnejn li huma u jagħżlu simultanjament il-post tar-residenza tat-tfal, liż-żewġ ġenituri flimkien. Il-qorti tista' tiddeċiedi mod ieħor, u tista' b'mod partikolari taqsam l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri bejn il-ġenituri jew tagħtiha lil persuna terza.

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Meta qorti jkollha tiddetermina l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri, bħal fil-każ ta' divorzju jew separazzjoni, hija tqis kull ftehim bejn il-ġenituri, imma dawn il-ftehimiet mhumiex vinkolanti għall-qorti. Ftehimiet ta' dan it-tip mhumiex suġġetti għal formalitajiet speċifiċi, sakemm il-qorti tiġi legalment mgħarrfa bihom. Normalment jiġi ppreżentat dokument imfassal mill-partijiet interessati li jstabbilixxi l-ftehim bejniethom. Dan huwa stipulat espliċitament mil-liġi għal każijiet ta' divorzju kunsenswali ta' ġenituri ta' tfal minuri, f'liema każ irid jiġi ppreżentat lill-qorti ftehim bil-miktub bejn il-ġenituri li jaqblu dwar il-kustodja ta' wliedhom u l-kuntatt magħhom.

F'kull każ ieħor, il-ġenituri jistgħu jaqblu informalment dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri, mingħajr ma jikkonformaw ma' ebda formalità u mingħajr ma jsegwu ebda proċedura formali, biex jaqsmu r-responsabbiltà bejniethom fil-prattika, b'aspett partikolari jkun eżerċitat minn ġenitur wieħed u aspett ieħor mill-ġenitur l-ieħor: pereżempju, ġenitur wieħed jista' jkollu l-kustodja tat-tifel u l-ieħor jamministra l-proprjetà tal-minuri u jirrappreżenta l-interessi tiegħu.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jiftiehemu dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u t-teħid ta' deċiżjoni jkun fl-aħjar interess tat-tfal, il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti. Il-medjazzjoni hija mezz alternattiv ta' soluzzjoni għat-tilwim.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

Meta l-ġenituri ma jaqblux dwar kwistjoni speċifika fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħhom ta' ġenituri, u jressqu l-kwistjoni quddiem il-qorti, il-qorti tkun tista' tiddeċiedi biss dwar dik il-kwistjoni. Din tista' tkun kwalunkwe kwistjoni matul l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri li twassal għal nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, b'kull wieħed minnhom jibqa' jinsisti fuq l-opinjoni tiegħu, u għalhekk is-soluzzjoni tagħha tkun fl-aħjar interessi tat-tfal. Tista' tkun oġġettivament serja, pereż. l-għażla tal-isem, qbil dwar operazzjoni kirurġika eċċ., jew tista' tkun xi ħaġa ta' importanza oġġettivament baxxa li, madankollu, il-ġenituri jqisuha importanti biżżejjed biex iressquha quddiem il-qorti.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Iva, fil-prinċipju, sakemm il-kwistjoni taqa' fl-ambitu tal-kustodja tat-tfal mogħtija lil ġenitur wieħed. Il-ġenituri dejjem jistgħu jagħżlu li ma jadottawx is-soluzzjoni tal-qorti li tagħti l-kustodja unika lil ġenitur wieħed: anke wara li l-qorti taqta' s-sentenza, jistgħu jaqblu li japplikaw arranġament differenti fejn il-ġenitur l-ieħor jingħata rwol fit-trobbija tat-tfal, sakemm, ovvjament, dak l-arranġament ikun fl-aħjar interessi tat-tfal.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Dan ifisser li deċiżjonijiet relatati mat-trobbija tat-tfal iridu jsiru mill-ġenituri flimkien.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Il-qorti kompetenti tkun dejjem il-qorti tal-ewwel istanza b'membru wieħed (*μονομελής πρωτοδικείο*). Ir-rikorsi jridu jiġu ppreżentati fil-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni għall-post, u trid tiġi nnotifikata lill-intimat; id-dokumenti li jservu ta' bażi għar-rikors iridu jiġu ppreżentati l-qorti wkoll.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Il-qorti tal-ewwel istanza b'membru wieħed tiddeċiedi b'konformità ma' proċedura speċjali stipulata fl-Artikoli 681(B) u (C) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Din hija msawra fuq il-proċedura għat-tilwim industrijali, sabiex jiġihaffef is-smiġġ tal-kawżi. Minħabba l-karattru primarjament personali tat-tilwim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, hija tapplika wkoll ċerti dispożizzjonijiet mill-proċedura dwar il-kawżi matrimonjali, u mir-regoli tal-proċeduri ta' ġuriżdizzjoni volontarja rigward l-awtorità investigattiva u l-ġbir tal-provi fuq mozzjoni tal-qorti stess. Madankollu, meta tilwim relatat mal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkun marbut ma' kwalunkwe tilwim matrimonjali msemmi fl-Artikolu 592(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (pereż. divorzju u annullament taż-żwieġ) jew tilwim imsemmi fl-Artikolu 614(1) tal-Kodiċi (pereż. id-determinazzjoni tal-paternità), il-qorti trid tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 98-612 u 616-622 tal-Kodiċi. Kwistjonijiet urġenti jistgħu jiġu ttrattati permezz ta' miżuri interim (*ασφαλιστικά μέτρα*) u emerġenzi permezz ta' inibizzjoni temporanja (*προσωρινή διαταγή*).

12 Nista' nikseb għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva, skont il-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-għajjnuna legali.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Sentenza ġudizzjarja dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tiġi revokata jew emendata jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu lill-qorti biex tiddeċiedi kif għamlet. Madankollu, sentenza dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tiġi kkontestata minn kwalunkwe waħda mir-rimedji ġudizzjarji ordinarji (appell dwar punti ta' fatt u tad-dritt (*έφεση*), appell dwar punti tad-dritt biss (kassazzjoni, *αναίρεση*), rikors ta' kontestazzjoni (*ανακοπή ερημοδικίας*), rieżami (*αναψηλάφηση*)), b'konformità mar-rekwiżiti normali.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Sentenza relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri hija eżekutorja skont l-Artikolu 950 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jekk timponi wkoll obbligi, jiġifieri ma ssolvix biss il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew tal-kustodja tal-minorenni, jew tal-kuntatt mal-minorenni, imma tordna wkoll il-konsenja jew ir-ritorn tat-tfal, jew tiddetermina l-arranġament għall-kuntatt jew tipprojbixxi lill-partijiet milli jagħmlu kwalunkwe azzjoni kuntrarja. B'mod partikolari, (a) sentenza li tordna l-konsenja ta' tfal teħtieġ li l-ġenitur li jkollu t-tfal jaġixxi kif deċiż mill-qorti, u f'każ ta' nuqqas ta' konformità mas-sentenza tal-qorti l-istess sentenza tista' tipprovdli l-impożizzjoni awtomatika ta' penali finanzjarji ta' sa €50 000 li trid titħallas lir-rikorrent li jkun qed jitlob il-konsenja jew ir-ritorn tat-tfal, jew detenzjoni temporanja ta' massimu ta' sena, jew it-tnejn li huma (eżekuzzjoni indiretta (*έμμεση εκτέλεση*)); u (b) fil-każ li d-dritt ta' kuntatt personali ta' ġenitur mat-tfal ikun imblukkat, is-sentenza dwar il-kuntatt tista' thedded lill-persuna li tkun qed timblokka dak il-kuntatt b'piena finanzjarja u detenzjoni (eżekuzzjoni komplementari (*αναπληρωματική εκτέλεση*)).

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Sentenzi ġudizzjarji dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maqtugħa fi Stati Membri oħrajn jiġu rikonossuti awtomatikament mingħajr ebda formalità mill-awtoritajiet amministrattivi Griegi. Il-qorti Griegi għandhom il-ġuriżdizzjoni li jiddeċiedu dwar il-validità ta' sentenza barranija, jew dwar talba għar-rikonossiment ta' sentenza barranija, mingħajr ma l-ewwel jeżaminaw il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. Meta jintalab r-rikonossiment mill-Greċja, il-qorti Griegi jistgħu jiċċidu r-rikonossiment ta' sentenza dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jekk: (a) tkun kontra l-politika pubblika domestika, dejjem wara li jitqies x'inhu l-aħjar interess tat-tfal; jew (b) tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza li ġiet wara relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri maqtugħa mill-qorti Griegi. Barra minn hekk, meta jkollhom ġuriżdizzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 fuq il-bażi tal-post tar-residenza tat-tfal, il-qorti Griegi, bħala l-qorti tal-Istat Membru fejn ikun qed jintalab ir-rikonossiment, jistgħu jiddeċiedu l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal b'mod differenti, mingħajr ma l-ewwel jeżaminaw il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini u n-natura vinkolanti tas-sentenza tiegħu (pereżempju tistax tiġi appellata).

16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Fil-każijiet deskritti, il-qorti kompetenti hija l-qorti tal-ewwel istanza b'membru wieħed, li tisma' l-kawża fuq il-bażi tal-proċedura rilevanti għat-tip ta' tilwima.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal huma rregolati mil-liġijiet li ġejjin, f'ordni ta' preċedenza: (1) il-liġi tal-aħħar nazzjonalità komuni tagħhom; (2) il-liġi tal-aħħar residenza abitwali komuni; (3) il-liġi tan-nazzjonalità tat-tifel.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 15/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.